Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Ottubru 2026
(OR. en)

14945/26
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0333 (NLE)

AELE 93
FL 52
ISL 61
N 93
MI 1065
ENER 696

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Ottubru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 584 annex
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda tal-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE (statistika dwar l-enerġija)

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.10.2026
COM(2026) 584 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda tal-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE

(statistika dwar l-enerġija)

ANNESS

ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru […]

ta' […]

li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/2146 tas-26 ta' Novembru 2019 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika dwar l-enerġija, fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-aġġornamenti għall-istatistika annwali, l-istatistika ta' kull xahar u l-istatistika ta' kull xahar fuq żmien qasir dwar l-enerġija[1] jrid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/132 tat-28 ta' Jannar 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika dwar l-enerġija, rigward l-implimentazzjoni tal-aġġornamenti għall-istatistika annwali, ta' kull xahar, u fuq żmien qasir dwar l-enerġija[2] jrid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/264 tas-17 ta' Jannar 2024 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika dwar l-enerġija, rigward l-implimentazzjoni tal-aġġornamenti għall-istatistika annwali, ta' kull xahar, u ta' kull xahar fuq żmien qasir dwar l-enerġija[3] jrid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2169 tal-21 ta' Novembru 2017 dwar il-format u l-arranġamenti għat-trażmissjoni tal-Istatistika Ewropea tal-prezzijiet tal-gass naturali u tal-elettriku skont ir-Regolament (UE) 2016/1952 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness XXI tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XXI tal-Ftehim dwar iż-ŻEE huwa emendat kif ġej:

1. Il-punt 26a (ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) huwa emendat kif ġej:

---

1 ĠU L 325, 16.12.2019, p. 43.
2 ĠU L 20, 31.1.2022, p. 208.
3 ĠU L, 2024/264, 18.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/264/oj
4 ĠU L 306, 22.11.2017, p. 9.

i. Il-punt huwa nnumerat mill-ġdid bħala l-punt 26c.

ii. It-test ta' adattament huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) Il-Liechtenstein huwa eżentat milli jittrażmetti d-data meħtieġa mir-Regolament, ħlief għad-data dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-prodotti kollha tal-enerġija u l-produzzjoni tal-elettriku għall-Istatistika Annwali dwar l-Enerġija (Anness B).

(b) L-Iżlanda hija eżentata milli tittrażmetti l-aggregati definiti fl-Anness B 'Statistika Annwali dwar l-Enerġija' relatati mad-diżaggregazzjoni dettaljata tal-konsum tal-enerġija skont it-tip ta' użu finali (tisħin tal-post, tkessiħ tal-post, tisħin tal-ilma, tisjir, apparati tat-tidwil u tal-elettriku, użi finali oħra) tas-settur residenzjali kif definit fit-Taqsima 2.3 'Speċifikazzjoni tal-użu finali tal-enerġija' tal-Anness A 'Kjarifiki tat-terminoloġija'. Din l-eżenzjoni għandha tkun soġġetta għal rieżami mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE kull meta d-data pprovduta mill-Iżlanda turi li l-konsum finali annwali tal-enerġija fis-settur residenzjali huwa ugwali għal 25 000 terajoules jew aktar.

(c) L-Iżlanda hija eżentata milli tittrażmetti d-data meħtieġa mit-Taqsima 2 'Gass Naturali' tal-Anness B 'Statistika Annwali dwar l-Enerġija'. Din l-eżenzjoni għandha tkun soġġetta għal rieżami mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE hekk kif ikun hemm indikazzjonijiet li l-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass naturali gassuż jew likwifikat ikunu stabbiliti fit-territorju tal-Iżlanda jew li l-konsum annwali tal-gass naturali jkun ugwali għal 2 500 terajoules jew aktar.

(d) L-Iżlanda u n-Norveġja huma eżentati milli jittrażmettu d-data meħtieġa mit-Taqsima 6 'Statistika Nukleari Annwali' tal-Anness B 'Statistika Annwali dwar l-Enerġija', sakemm ma jkunx hemm faċilitajiet nukleari jew impjanti tal-enerġija fit-territorju tagħhom.

(e) L-Iżlanda hija eżentata milli tittrażmetti d-data meħtieġa mit-Taqsima 1 'Fjuwils Solidi' u t-Taqsima 4 'Gass Naturali' tal-Anness C 'Statistika ta' Kull Xahar dwar l-Enerġija'. L-eżenzjoni tal-gass naturali għandha tkun soġġetta għal rieżami mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE hekk kif ikun hemm indikazzjonijiet li l-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass naturali gassuż jew likwifikat ikunu stabbiliti fit-territorju tal-Iżlanda jew li l-konsum annwali tal-gass naturali jkun ugwali għal 2 500 terajoules jew aktar.

(f) L-Iżlanda hija eżentata milli tittrażmetti d-data meħtieġa mill-Anness D 'Statistika ta' Kull Xahar għal Żmien Qasir', sakemm ma jkunx hemm raffineriji taż-żejt fit-territorju tagħha."

2. L-inċiżi li ġejjin jiżdiedu mal-punt 26c (ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"- **32019 R 2146**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/2146 tas-26 ta' Novembru 2019 (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 43),

- **32022 R 0132**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/132 tat-28 ta' Jannar 2022 (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 208),

- **32024 R 0264**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/264 tas-17 ta' Jannar 2024 (ĠU L, 2024/264, 18.1.2024)."

3. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 26 (id-Direttiva 2008/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"26a. **32017 R 2169**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2169 tal-21 ta' Novembru 2017 dwar il-format u l-arranġamenti għat-trażmissjoni tal-Istatistika Ewropea tal-prezzijiet tal-gass naturali u tal-elettriku skont ir-Regolament (UE) 2016/1952 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 306, 22.11.2017, p. 9)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (UE) 2019/2146 u (UE) 2022/132, (UE) 2024/0264 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2169 bil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi […], bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, […].

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

[…]

Is-Segretarji
Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
[…]

* [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]